

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 238/2013****tat-13 ta' Diċembru 2013****li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/634/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 li taġġusta l-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont l-Iskema tal-Unjoni għall-2013 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/384/UE ⁽¹⁾, tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/447/UE tal-5 ta' Settembru 2013 dwar il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità skont l-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE ⁽²⁾ tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE tal-5 ta' Settembru 2013 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim ŻEE ikun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 21alc (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE):

"21alca. **32013 D 0447**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/447/UE tal-5 ta' Settembru 2013 dwar il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità skont l-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE (ĠU L 240, 7.9.2013, p. 23)."

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 21ale (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 550/2011):

"21alf. **32010 D 0634**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/634/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 li taġġusta l-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont l-Iskema tal-Unjoni għall-2013 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/384/UE (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 34), kif emendata minn:

— **32013 D 0448**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE tal-5 ta' Settembru 2013 (ĠU L 240, 7.9.2013, p. 27).

21alg. **32013 D 0448**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE tal-5 ta' Settembru 2013 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 240, 7.9.2013, p. 27).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Artikoli 1 u 2 ma japplikawx."

⁽¹⁾ ĠU L 279, 23.10.2010, p. 34.

⁽²⁾ ĠU L 240, 7.9.2013, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 240, 7.9.2013, p. 27.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2010/634/UE, 2013/447/UE u 2013/448/UE fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2013, dejjem jekk ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.